**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 2 ta' Marzu 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**

**vs**

**Luke Micallef**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Luke Micallef ta' 29 sena iben Joseph u Catherine xebba Borg, residenti gewwa l-fond 5, Triq l-iskola, Zejtun u detentur tal-karta tal-identita' numru 55290(M)

Akkuzat talli fil-lejl ta' bejn is-6 ta' Dicembru 2019 u is-7 ta' Dicembru 2019 gewwa garaxx li jinsab fil-kumpless Taw Mansions gewwa Triq Giovanni Scicluna, Hal Ghaxaq u/ jew fi bnadi ohra fil-gzejjer Maltin:

1. Ikkometta serq ta' mazz cwievet ghad-dannu ta' Joseph Micallef, u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa kwalifikat, bil-*lok* u bil-*hin* u dan bi ksur tal-artikolu 281 (b) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta

Akkuzat ukoll talli bejn is-7 ta' Dicembru 2019 u nhar il-15 ta' Dicembru 2019 gewwa l-gzejjer Maltin:

2. Ikkometta serq ta' madwar 230 euro ghad-dannu ta' Joseph Micallef, u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa kwalifikat, bil-*lok* u bil-*hin*

Akkuzat ukoll talli bejn it-13 ta' Dicembru 2019 ghall-habta tal-hdax ta' filghaxija (23:00hrs) u l-15 ta' Dicembru 2019 ghall-habta ta' l-hamsa ta' filghodu (05:00hrs) gewwa garaxx li jaghmel parti mill-kumpless Taw Mansions gewwa Triq Giovanni Scicluna, Hal Ghaxaq

3. Ikkometta serq ta' vann ta' l-ghamla Fiat Dublo, bin-numru ta' registrazzjoni GBE-716 ghad-dannu ta' Joseph Micallef u/jew JM Manufacturing Co. Limited liema serq huwa kwalifkat bil-valur, (izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro sebgha u tletin centezmu (2,329.37), bil-hin, bil-lok u bin-natura tal-haga misruqa, u dan bi ksur tal-Artikoli 261(c), (e), (f), 270, 279(b), 280(1) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

2. Rat in-nota tar-rinviju tal-gudizzju tal-Avukat Generali tas-27 ta' Lulju 2020, fejn deherlu li tista' tinstab htija taht dak li hemm mahsub:

   i. Fl-Artikoli 261(c)(e)(f) u (g), 267, 269(d), 270, 271, 279(b) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li dawn il-proceduri kontra tieghu jigu trattati minn din il-Qorti bil-procedura sommarja.

4. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

5. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza

**Il-FATTI**

6. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

(i) Fil-15 ta' Dicembru 2019 ghall-habta tad-9.10am, Joseph Micallef irraporta lill-Ghassa tal-Pulizija taz-Zejtun li xi hadd kien seraqlu l-van tieghu tal-ghamla Fiat Dublo abjad, bin-numru ta' registrazzjoni GBE – 716.

(ii) Joseph Micallef qal li hu kien ipparkja din il-van tieghu gol-garage li jinsab gewwa Giovanni Scicluna, Ghaxaq fit-12 ta' Dicembru 2019 ghal xi l-5.30pm u nduna li gie misruq dak in-nhar li ghamel ir-rapport, cioe fil-15 ta' Dicembru 2019, fis-7.45am.

(iii) Dan il-van kellu tracking device, li l-pulizija flimkien mal-kwerelant uzaw biex ikunu jafu minn liema toroq, kienet ghaddejja din il-vettura, u ntalbet l-ghajnuna tar-Rapid Intervention Unit (RIU) tal-Pulizija.

(iv) Dak in-nhar stess ghal habta tad-9.35am, il-Pulizija addetti mal-RIU irnexxielhom iwaqqfu din il-van fi Triq iz-Zwejt, San Gwann. Il-van kien qed jigi misjuq mill-imputat Luke Micallef, li jigi t-tifel tal-kwerelant Joseph Micallef.

(v) Minn tfittxija li saret fuq il-persuna tal-imputat ma nstab xejn irregolari. Fil-van instabu sett ta' cwievet li kienu irraportati nieqsa minn Joseph Micallef ukoll, xi granet qabel.

(vi) Joseph Micallef informa lill-Pulizija li fil-van kellu kaxxa li kien fiha l-ammont ta' €230 u xi ammont ta' cents, u li din il-kaxxa kienet nieqsa.

(vii) Konsegwentement ittiehdu l-proceduri kriminali odjerni kontra l-imputat.

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

7. Il-Qorti tibda biex tghid li fis-seduta tad-9 ta' Settembru 2020, il-kwerelant Joseph Micallef talab lil din il-Qorti sabiex tezentah milli jixhed, stante li l-imputat jigi t-tifel tieghu. Wara li semghet ix-xhieda ta' Joseph Micallef, u wissietu bil-konsegwenzi li jista' jkun hemm fuq l-ezitu ta' dawn il-proceduri jekk hu ma jixhidx, din il-Qorti ezentat lil Joseph Micallef milli jixhed, ai termini tal-Artikolu 633(2) tal-Kodici Kriminali.[1]

8. F'dawn il-proceduri xehed l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Roderick Attard dwar l-investigazzjoni li ghamel fuq il-kaz, diversi ufficjali tal-Pulizija li kienu involuti fl-investigazzjoni, kif ukoll rapprezentant ta' Transport Malta li xehdet li s-socjeta JM Manufacturing Co. Ltd. hija registrata bhala s-sid tal-vettura GBE-716, u bhala contact person taghha hemm il-kwerelant Joseph Muscat.

9. Ghalkemm fin-nota ta' sottomissjonijiet id-difiza targumenta li mid-dokumenti ma jirrizultax min kien is-sid tal-vettura fid-dati indikati fic-citazzjoni, dan m'hux korrett, ghaliex fix-xhieda taghha ir-rapprezentant ta' Transport Malta kienet cara li l-vettura in kwistjoni ilha hekk registrata fuq is-socjeta JM Manufacturing Co. Ltd. mill-21 ta' Ottubru 2014 – u allura kienet ghadha hekk registrata fid-data li fiha hija tat ix-xhieda taghha u cioe fl-4 ta' Marzu 2020. Dan jirrizulta wkoll mid-dokumenti ezebiti.

10. Del resto, fl-istqarrija tieghu, l-imputat mhux qed jikkontesta li dan il-van jappartjeni lil missieru, pero jghid li huwa issellef dan il-vann, anke jekk minghajr ma informa b'dan lil missieru.

11. Id-difiza tissottometti wkoll li l-kontenut tar-rapport tal-Pulizija ma giex ikkonfermat bil-gurament minn min kitbu u cioe minn PC 1255 u ghalhekk ma ghandux valur probatorju. Din is-sottomissjoni hija korretta. Pero, is-sustanza tal-kontenut ta' dan ir-rapport gie konfermat bil-gurament mill-Ispettur Roderick Attard, li kuntrarjament ghal dak li tghid id-difiza ma nterrogax biss lill-imputat, imma tkellem ukoll direttament mal-kwerelant dwar il-verzjoni tieghu tal-fatti. Rigward il-mod u kif instab il-van, xehdu diversi ufficjali tal-pulizija.

[1] Ara fol. 79 tal-process.

12. Ix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur u tal-Ufficjali tal-Pulizija l-ohra certament ma hijiex *detto del detto* imma hija tikkostitwixxi prova ta' dak li inghad lilhom u ta' dak li ghamlu. Il-pern tal-kwistjoni fil-kaz odjern huwa jekk ix-xhieda ta' dawn il-persuni wahedhom, fin-nuqqas tax-xhieda tal-kwerelant, hijiex sufficjenti sabiex jista' jinghad li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-kaz taghha lill'hinn min kull dubbju dettat mir-raguni, kif inhu rikjest fil-kamp kriminali.

13. Ghalkemm id-difiza ghazlet li ma tressaqx provi, fl-istqarrija tieghu l-imputat ammetta li sa ftit granet qabel dan l-incident hu kien jahdem ma' missieru, kif ukoll ghal rasu, pero missieru kien waqqfu mix-xoghol. Huwa jghid li fil-gurnata ta' qabel fil-ghaxija kien waqaflu l-van tieghu, u peress li l-ghadu fil-ghodu ried igorr xi ghodda ghall-post tax-xoghol, mar fil-garaxx tal-genituri tieghu, u ssellef il-van minghajr ma ha permess. Ic-cavetta tal-van kienet fuq id-dashboard tal-istess van, u l-van ma kienx imsakkar.

14. L-imputat qal li meta cempel id-dar tal-genituri tieghu biex jiehu l-van, ma wiegbu hadd. Ghalhekk huwa cempel il-qanpiena ta' flat iehor, u s-sidien fethulu, u dahal fil-blokk, u nizel bil-lift fil-garaxx. Il-garaxx jinfetah u jinghalaq b'mod elettroniku, u ghalhekk huwa fethu u ghalqu billi ghafas l-iswitch tieghu.

15. Fl-istqarrija tieghu, l-impuat jghid li kieku huwa verament kellu intenzjoni jisraq dan il-van, l-ewwel haga li kien jaghmel kien li jiskomunika is-sistema ta' GPS, illi kienet giet progettata minnu. Dan seta' jaghmlu facilment billi jaqta' l-wire minn mal-battery.

16. Rigward ic-cwievet li missieru rrapporta li kienu misruqa u li jaghtu access ghal diversi vending machines formanti parti min-negozju tal-kwerelant, l-imputat qal li dan il-mazz ta' cwievet kien dejjem ghandu. Qal ukoll li meta missieru keccieh mix-xoghol, hu talbu jtieh lura dawn ic-cwievet, izda l-imputat irrifjuta li jtihomlu, qabel missieru jtieh l-paga tax-xahar ta' qabel li kien qed jippretendi minghandu.

17. L-Ufficjal Prosekutur xehed li meta huwa nforma lill-kwerelant dwar il-verzjoni li ta l-imputat fl-istqarrija tieghu ta' kif hu kien ha l-vann, il-kwerelant kien qallu li kien possibli li l-imputat ha l-vann b'dak il-mod, pero insista li l-van ittiehed minghajr il-kunsens tieghu.

18. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jammetti li l-van hadu minghajr il-kunsens ta' missieru. Jirrizulta wkoll mill-istqarrija tal-imputat li kien hemm xi disgwid, anke fuq affarijiet civili bejnu u missieru. Il-fatt li l-imputat naqas li jitfi l-GPS tal-van, nonostante li kien jaf kif ghandu jaghmel dan ghax sa ftit granet qabel kien jahdem ma missieru, jitfa' dubbju serju fuq jekk meta uza dan il-van, anke jekk ad insaputa ta' missieru, huwa kellux verament l-intenzjoni li jisraq dan il-van, kif qed tallega l-prosekuzzjoni jew inkella kellux intenzjoni li jisselfu, kif qal l-imputat.

19. Rigward l-allegat serq tac-cwievet, il-Qorti hija rinfaccata b'zewg verzjonijiet differenti, u ladarba l-kwerelant Joseph Micallef ma riedx jixhed kontra l-imputat li jigi ibnu, din il-Qorti lanqas tista' tiddeciedi jekk temminx jew le lill-kwerelant. L-istess jinghad dwar l-allegati flus li instabu nieqsa minn gol-van.

20. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet suesposti, certament ma jistghax jinghad li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

**Konkluzjoni**

21. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-artikoli elenkati fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tas-27 ta' Lulju 2020, issib lill-imputat mhux hati tar-reati ikkontemplati f'dawn l-artikoli, u qed tilliberah minnhom.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**